KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 12/2021**

1 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Christopher Bruno - Kunsillier

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**12.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

12.1.1 Is-Sur Chris Bruno ġie skużat minħabba raġunijiet personali

**12.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

12.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 11 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

12.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Vince Bongailas ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop, il-minuti ġew approvati unanimament

**12.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

12.3.A **Ġnien is-Salvatur :** Is-Sindku reġa' qajjem il-punt li kien diġa' ġie diskuss aktar minn sena ilu fuq dan l-istess proġett fejn il-kunsill ġie mgħarraf bil-fatt illi ġie magħżul fost 7 Kunsilli Lokali oħra biex ikun hemm ġonna tal-komunita' addatat ukoll għal kundizzjonijiet u sitwazzjonijiet għat-tfal. Ġie ffirmat ukoll MOU mal-Malta Trust Foundation. Minn dak iż- żmien l-hawn kien hemm ħafna laqgħat ta' konsultazzjoni fejn sa fl-aħħar ġiet iffinalizzata l-pjanta ta' kif ġej Ġnien is-Salvatur. Ġew wkoll preparati boq's u intbgħatu kollox il-Malta Trust Foundation li qed jieħdu ħsieb il-koordinament ta' dawn il-ġonnon. Tajjeb li wieħed isemmi illi l-kunsill propona li f'dan il-proġett ser jiġi nkorporat il-luzzu li ġie rregalat lill-Kalkara mill-Fondazzjoni Kottonera. Waqt is-seduta is-Sur Sindku preżenta l-pjanta biex il-membri ituwha titwila u jkunu nfurmati dwar dan il-proġett sal-aħħar. Il-kunsill qabel unanimament ma' din il- pjanta biex b'hekk wieħed jikkonferma dan ix-xogħol mal-istess Malta Trust Foundation biex jinbeda x-xogħol preparatarju biex jinħarġu t-tenders u l-loġistika li hemm bżonn biex jibdew ix-xogħolijiet fuqu.

**B Laqgħa bejn l-istaff tal-Kunsill u il-Kunsilliera:** Is-Sindku nforma l-kunsill, l-aktar għall-membri li ma setgħux ikun preżenti fejn tlaqgħett laqgħa bejn il- kunsilliera u l-istaff fejn is-Sindku qal illi qatt ma saret qabel bejn il-kunsilliera u l-istaff. Is-Sindku kkonferma illi din il-laqgħa ssejħet biex il-ħaddiema juru aktar impenn lejn il-kunsill mhux jittieħed kollox for granted illi fl-aħħar tax-xahar l-aqwa li tiġi l-paga. Din m'hijiex mentalita' tajba sfortunatament. Is-Sindku qal illi hemm ħaddiema illi lanqas affarijiet bażiċi ma kienu qed isiru u minn wara din il-laqgħa kien hemm ċaqliqa fil-fehma tiegħu u jinsab kuntent li għal inqas mill-ħafna punti

li ġew diskussi kien hemm punti li ntlaqgħu. Is-Sindku qal illi ma jistax ikun illi wieħed jibqa' jagħlaq għajnejh għal affarijiet ħżiena li jseħħu ta' kuljum. Dan kien l-għan tal-meeting u ma kinitx sitwazzjoni fejn is-Sindku u s-Segretarju jiġġieldu mal-istaff. Is-Sinjura Sultana saħħqet u kkonfermat dak li qalet ukoll waqt il-laqgħa msemmija illi skond hi wieħed għandu jindirizza l-problema mhux b'mod ġenerali imma b'mod personali skond il-problema u l-ħażin li qed jagħmel l-individwu perse. Is-Sindku qal illi ser jibqa' jenfassizza fuq il-punti li ġew diskussi biex jittrenġaw sitwazzjonijiet mhux tajbin fil-kunsill. Is-Sur Bongailas qal illi r-responsabbilta' ta' dawn il-ħaddiema jaqa' dirett taħt is-Sindku u s-Seg Eżekuttiv. Huwa saħaq li ikun tajjeb wieħed isib bilanċ bejn il-ħaddiema u dak li hu sew jew mhux sewwa.

**C Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar Port il-Kbir :** Is-Sindku nforma l-kunsill dwar il-laqgħa li attenda aktar kmieni dan ix-xahar rigward ir-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ġewwa Bighi. Is- Sindku preżenta ktieb ukoll ta' dan ir-riġenerazzjoni inkluż postijiet fil-Kalkara bħal Fort Rikasoli l-proġett tax-Xatt u aktar li diġa' beda dan ix-xogħol. Is-Sindku qal illi waqt din il-laqgħa ta' konsultazzjoni reġa' qajjem il-punt tal-Marina li kulħadd jaf kemm hi pre okkupanti. Huwa qal illi reġa' kellu konferma illi l-Marina mhux ħa tiżdied fil-lokal.

**D Tabelli ta' direzzjoni madwar ir-Raħal:**

Is-Sindku nforma l-kunsill dwar proġett li qed isir minn Infrastructure Malta fuq it-tabelli tad-direzzjoni madwar il- lokal bħal tibdil ta' tabelli indikattivi antiki, tabelli ġodda fejn kien hemm nuqqas ta' direzzjonijiet oħrajn ser jitneħħew li m'għadomx jagħmlu sens għaż-żoni li qiegħedin fihom eċċetra. Is-Sindku qal illi qabel ma beda dan ix-xogħol huwa kellu laqgħat ta' konsultazzjoni / informazzjoni fejn sar ukoll eżerċizzju speċifikament għal lokal tal-Kalkara biex wieħed kemm jista' jkun jindika dak kollhu li hemm bżonn f'sens ta' tabelli madwar il-lokal.

**E Korrespondenza :**

Is-sindku informa l-kunsilliera illi baqa' għaddej ix-xogħol fuq pjan u dokument ta' 'recovery plan' hekk kif kien diġa' ġie diskuss f'seduti preċedenti fir-rigward il-qgħada finanzjarja tal-Kunsill. Tajjeb li wieħed jgħid illi dan id-dokument ġie ffinalizzat wara pawża waqt din is-seduta biex issir il-laqgħa pubblika biex wieħed seta' jieħu idea mill-pubbliku fuq dan l-istess dokument. La darba ma attenda ħadd għal laqgħa pubblika li saret illum stess dan id-dokument ġie ffinalizzat u maqbul unanimament mill-kunsill hekk kif ġie ppreżentat mill-accountants stess tal-kunsill proprju għas-seduta kif ukoll għal laqgħa pubblika. L-accountant saħaq illi dan id-dokument għandu jiġi mħares għas-snin li ġejjin biex b'hekk fil-ħames snin li ġejjin il-kunsill jieħu pożizzjoni ħafna aħjar f'dik li hija l-qgħada finanzjarja tiegħu.

**F Punti Ġenerali :**

Ma kienx hemm

**12.4 1(11.3 A) Jum il-Kalkara 2021 :** Qabel din is-seduta saret laqgħa informali mal-kunsill kollu fejn ġew diskussi n-nominazzjonijiet li daħlu biex jingħata t-titlu ta' Ġieħ il-Kalkara u b'vot unanimu inqabel illi dan it-titlu għandu jingħata lis-Sur Andrew Cohen abbażi tal-karriera tiegħu fil-football li tintemm din is-sena. Is-Sindku reġa' ta resumee ta' kif ser tiżvolġi din l-attivita' u kkonferma dak li diġa' ġie diskuss fis-seduta preċedenti. Is-Sindku qal illi ser tintbgħat email formali ukoll lill-kunsilliera bid- dettalji ta' ħinijiet eċċetra.

**12.4 2 ( 11.3B)** Trejqet il-Milied 2021: Is-Sindku ta resumee ta' kif qed tiżvolġi l-ħidma għal din l-attivita' li ser issir fit-8 ta' Diċembru. Is-Sindku kkonferma illi din ser tkun attivita' konġunta ma' ħafna attivitajiet illi diġa' ġew ikkonfermati mill-organizzatur stess. Loġistika għaddejja ġmiela wkoll minn naħa amminitrattiva biex tinżamm il-buon ordni waqt l-attivita'. Il-preparazzjonijiet għaddejjin ġmielhom biex finalment tittella' attivita' sabiħa biex tiġi mgawdija attivita' bħal din. Is-Sindku talab il-koperazzjoni tal-kunsill sħiħ fejn jidħlu lmenti ta' nies minħabba xi skomdu ta' No Parking forsi triq magħluqa eċċetra , wieħed għandu jirrispondi u jispjega n-nies għaliex qed isir hekk speċjalment biex nobdu r-regoli visavi l-Covid 19.

**12.4 3 (11.3 E 1)** Round up Fun run 2021: Is-Sindku rringrazzja l-membri tal-kunsill illi fil-ġurnata tal-fun run li kienet nhar il-21 ta' Novembru filgħodu fejn bi pjaċir qal illi għar-raħal żgħir li għandna jħossu kburi bil-preżenza kbira li kien hemm minn nies. Il-parteċipazzjoni ta' kull min ingħaqad magħna kienet apprezzata ferm u wieħed għandu jkun kburi bil-qalb kbira tal-Kalkariżi li ntweriet fiċ-ċar fil-ġurnata ta' din il-fun run stess. Is-Sindku wera rendikont ta' kemm inbiegħu t-shirts mill-Kunsill fejn qal ukoll illi t-t shirts kollha li kien hawn available mill-Kunsill Lokali Kalkara ġew mibjugħin kollha nkluż l-extra flokkijiet li nġabu wara li rajna illi kellna bejgħ mgħaġġel ta' dawk il-flokkijiet li oriġinarjament ġejna mgħotija. 206 parteċipant li dawn jammontaw għal 2060 ewro. Dawn il-flus ingħataw lill-AKL biex issa tieħu ħsieb tgħaqqad kollox u jingħataw dawn il-flus lill-President bħal ma dejjem sar. Is-Sindku qal illi sabieħ illi l-kunsill jibqa' jieħu ħsieb jiġu organizzati mixjiet anke barra l-kuntest tal-fun run il-għaliex din il-ġurnata wriet l-għaqda bejn il-Kalkariżi u oħrajn li lanqas huma mill-lokal.

**12.4 4( 11.5b) Taraġ San Ġużepp:** Is-Sindku nforma l-kunsill illi kellem il-kuntrattur li qed jaħdem f'dan it-taraġ fejn ġab konferma illi ser ikun qed jingħata l-konkos dalwaqt u eżatt wara jitlesta x-xogħol fuq il-ħajt li sal preżent għadu miftuħ. Is-Sindku qal illi ser jerġa' jkellem il-kuntrattur u ser jibqa' jsostni illi x-xogħolijiet isiru.

**12.4 5 ( 11.5c) Sitwazzjoni asphaltar Santu Rokku :** Is-Sindku qal illi f'dawn il-jiem

kien hemm korrrespondenza ta' emails fuq din l-issue, fejn ukoll is-Sindku talab meeting mal-awtorita' kkonċernata kif ukoll ma' awtoritajiet involuti biex sa fl-aħħar tinsab soluzzjoni biex tingħata l-asphaltar in-naħa ta' Liberata / Santu Rokku. Is-Sindku qal illi s-sitwazzjoni preżenti fl-inħawi msemmijin hija waħda tal-biża' speċjalment fejn jiltaqgħu żewġ tal-linji li hija ovja illi ma jgħaddux saħansitra qed jinqala' ġlied kbir fiż-żona.

**12.4 A Punti Ġenerali mill-minuti Preċedenti ;**

**Ma kienx hemm**

12.5 ma kienx hemm

12.5a Ħin allokat għas -Sur Vincent Bongailas – Viċi Sindku

Ma kellu l-ebda punti x'jiġu diskussi waqt din is-seduta.

12.5b Ħin allokat għas-Sinjura Maria Sultana – Kunsilliera

1 Is-Sinjura Sultana qalet illi sfortunatament tinsab iddispjaċuta għal fatt illi din is-sena fl-10 ta' Diċembru t-tfal m'għandomx skola minħabba l-'parents day' allura mhux ħa tkun tista' tikkordina xejn bħal kull sena matul Jum il-Kalkara. Kontra qalbha din is-sena mhux ser torganizza xejn minħabba l-fatt illi l-istudenti mhux ħa jkunu preżenti l-iskola.

12.5c Ħin allokat għas-Sinjura Speranza Chircop – Kunsilliera

1 Is-Sinjura Chircop ikkonfermat illi qed jiġu organizzati l-affarijiet għal wirja ta' talenti li ser tkun qed torganizza dakinhar tal-attivita' tat-8 ta' Diċembru.

2 Is-Sinjura Chircop ikkonfermat illi ser tkun qed torganizza ż-żjarat lill-anzjani għal okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara rrekoverati ġo djarhom.

12.5 d Ħin Allokat għas -Sinjur Christopher Bruno – Kunsillier

1 Is-Sur Bruno ġie skużat għal din is-seduta u ma kellu l-ebda punti xorta waħda x'jiġu diskussi.

**12.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

12.6.1 Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

12.6.2 Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 11.20

**12.7 Mozzjonijiet**

**Ma kienx hemm**

**12.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għad-19 ta' Jannar 2022 fl-4:00 ta' wara nofsinhar

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv